# LAQAM TA' ĦWEJJEĠ LI FL-AĦĦAR SAR ISIMHOM

POPLIN — dari drapp imfittex ħafna u għali, magħmul minn medda suf irqiq u ħafif fuq togħma tal-ħarir. Bil-Franċiż kienu jgħidulu *papaline* u bit-taljan *papalina* bħallikieku ħaġa tal-*Papa*. Dan għax ġie minsuġ l-ewwel darba fil-belt ta' Avignon fejn għammru l-Papiet bejn is-snin 1309 u 1376. Għalhekk il-*poplin* kien id-drapp ta' pajjiż il-*Papa*.

KAKI — Dan id-drapp m'ilhux fl-idejn. Insiġ tat-tajjar, misbuħ mil-lewn il-lankè, ġie magħżul biex isir ilbies tas-suldati ħalli ma jatix fil-għajn bħal l-aħmar jew l-iswed. L-isem tad-drapp ġie minn lewnu għax il-kelma kaki bl-Indjan tfisser "lewn it-trab".

TILA BATTISTA — Din it-tila jew xoqqa mill-ifjen ġiet minsuġa b'ħajt irqiq ħafna minn għand nissieġ Franċiż, jismu Jean Baptiste (Gann-Patist) u nogħġbot tant li ixxerdet mad-dinja u fil-ħwienet ta' min jifhem. Dan l-isem għadu sejjer sal-lum.

CALICO (Kalikò) — Din xoqqa tajba,f'idejn kullħadd, il-lum aktarx issibha mitbjugħa, imżewqa b'ħafna lwien. L-ewwel ma saret fl-Indja fil-belt ta' *Kalikut* u minn hemm daħlet malajr fl-aħjar swieq. Il-lum il-Kalikò isir fin-nwiel tad-dinja kollha iżda l-isem ewlieni baqa' kullim-kien.

TAFFETÀ — Kienet tila ħafifa u sfieqa tal-ħarir mibrum b'sengħa kbira fil-Fars ( Persia ) fejn il-kelma *Taftan* tfisser *brim*. Il-lum it-taftà jsir f'ħafna pajjiżi u ta' ħafna lwien, dejjem tila tajba u ġġib flusha imma l-ewwel isem li ħadet baqgħelha.

XINILJA — Il-lum lazz ħafif imsewwef, aktarx aħmar jew isfar imdawwar minn barra ma' dwar bozza tal-ħġieġ, m'hux biss għaż-żina iżda biex ma jidħolx trab fil-bozza u jgħabbar dak li jkun hemm ġo fiha. Dari kien moda, u n-nisa kienu jirqmu bih lbieshom u ħwejjeġ li jin-

tasbu fuq l-imwejjed. *Xinilja* u *canutell* dejjem fl-idejn biex iżejnu ħwejjeġ tas-swali u tal-Knisja. Il-kelma ġiet mill-Franċiż *chenille* (xenill) dudu tal-farfett imsewwef, safrani li jinsab hawn ukoll. Il-lum *chenille* bil-Franċiż id-dud kollu li jsir friefet. bl-Ingliż *caterpillar*, bit-Taljan *bruco*. Imma l-lazz imsewwef għadhom igħidulhu Xinilja, għad li ftit issibu fl-idejn il-lum.

KAMBRÈ — Bil-lingwi kollha, xoqqa tas-saħħa, bajda, tinqata' aktarx għal-lożor. L-ewwel ma nħadmet din ix-xoqqa kien fil-belt ta' *Cambrai* (kambré) fi Franza u l-lum tintiseġ l-Italja, l-Ingriterra u l-Indja u għadhom igħidulha kambrè.

KANAVAZZ — Drapp laxk minsuġ fil-wisa', ħajt oħxon, qawwi, aktarx jirqmuh bis-suf jew bil-ħarir. Dari f'idejn kulħadd. Donnu sar għall-ewwel mill-ħjut tax-xtjeli tal-għażel li bil-Latin jissejjaħ *Canabis* u hekk kanavazz baqa' għall-isem tad-drapp li kien isir minn din ix-xitla.

FUSTAN — Aktarx drapp oħxon tat-tajjar li kien jinħadem għall-ewwel fil-belt ta' *Fustat* fil-Masr (Eġittu). Malta kien jintiseġ ħafna imma dejjem issejjaħ bl-isem li tawh il-Masrin.

MUSULINA — Isem dan id-drapp ġejj minn *Mossul*, belt qadima tal-Mesopotamja (mesopotamja tfisser, bil-Grieg, *art bejn żewġ xmajjar*, bil-Għarbi,tisemma *Bejn-Naħrejn*, għax *Naħar* tfisser xmara.) F'din il-belt kien isir insiġ mill-ifjen li malli ġie lejn l-Ewropa ħa l-isem ta' mnejn inxtara. Drapp ħafif, irqiq kemm jista' jkun malajr ixxerred għal-lbiesi tan-nisa fis-sajf. Il-lum aktarx is-sibu ta' ħafna lwien u b'disinji ta' fjuri u ħżuż oħra, iżda ma għadux jiġi minn Mossul jew mill-Indja kif kien dari, jinħadem kull fejn hemm is-sengħa tal-insiġ.

T. Z.